# DAWN QDEWNA

## L-EWWEL PARTI

*minn Patri Ġiġi Camilleri, S. J.*

F'ħarġiet oħra ta' '***Ix-Xagħra***' ktibt dwar dawk li mantnewna. B'ferħ u hena ftakart u ktibt dwar xi wħud minn dawk li għenuna nitrejqu u nikbru. Mhix ħaġa ħafifa tikteb fuq kulħadd. Min ġietu f'idejh dik il-kitba tennieli li ħa gost jaqraha. Imma jisgħobbija nistqarr li oħrajn li kienu jistennew bil-ħerqa jaqraw fuq xi ħadd minn qrabathom jew ħbiebhom, baqgħu diżappuntati.

Biex ngħidha kif inħossha nibża' li ma nkunx ġust nieqaf hawn. Għalhekk ħsibt u rajt nipprova niftakar u nikteb fuq oħrajn li bħalhom kienu ta' għajnuna għalina. Hekk ħafna iktar minn dawk li qdewna nfakkarhom b'mod jew ieħor. Tal-ewwel mantnewna, żaqqewna, għenuna nitfarfru u nikbru. Issa, b'sensiela ġdida, '***Dawn Qdewna***' nagħmel ħilti nfakkar lil dawk li bis-saħħa ta' driegħhom u bil-għaraq ta'ġbinhom jew b'xi mod ieħor, għenuna nbiddlu d-dinja li twelidna fiha. Jum wara l-ieħor, minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, sajf u xitwa, taħt xemx tisreġ u taqli, f'riħ ivenven u ksieħ ixoqq il-għadam, dawn ħadmu u għamlu ħilithom u ssaraw mhux biss biex jaqilgħu ħobżhom ta' kuljum u l-għajxien għall-familji tagħhom, imma wkoll biex bnew is-sisien li fuqhom telgħet dinja li fiha u fix-xaba' li ġiebet magħha, aħna llum nistgħu ngħammru, nitgħaxxqu, nixxaħxħu u nixxamplaw. Għanewna b'dinja isbaħ u aħjar minn dik li sibna fi twelidna. Dawn kont midħla tagħhom mas-sebgħin sena ilu. Dak li se nikteb fuqhom hu dak li nsib fl-album tat-tifkiriet ta'ħajti. Mela mil-lum 'il quddiem , f'ħarġiet ġejjiena tar-rivista tagħna, '*Ix-Xagħra*', nibdew naqraw u nitgħallmu fuq dawk li qdewna.



*Il-Kappillan Mikiel Buttigieg li aktar tard sar l-ewwel Isqof t'Għawdex*

Inħoss li għandi niżżi ħajr lil dawk li stmaw u wrew għaxqa b'dak li ktibt s'issa. Dawn għamluli l-qalb biex nissokta nagħti sehmi ħalli r-rivista tagħna tibqa' apprezzata min-nies ta' raħalna. Naf li l-Parroċċa tagħmel sagrifiċċji biex iżżommha ħajja. Dan tagħmlu għax '*Ix-Xagħra*' hi miġra ta' tifkiriet tal-imgħoddi. Lil dawk ta' mpari tqajmilhom nostalġija. Oħrajn iċken minna jsibu fiha għajn ta' tagħlim u tagħrif li qajla jsibuh f'imkejjen oħra Ħutna emigranti li tiġi f'idejhom din ir-rivista jistqarru li waqt li jaqrawha tnissihom il-bogħod li jifridna minn xulxin. Għal ftit waqtiet jistħajluhom mill-ġdid f'raħalna tal-qedem fejn twieldu, trabbew u kibru sakemm ħallewh biex f'artijiet oħra mbiegħda jgħixu ħajja oħra. Kont bejn ħalltejn b'min se naqbad nibda fost dawk li qdewna. Għax dawn huma biżibilju. Imbagħad deherli li r-ragħajja u l-misserijiet spiritwali tagħna, il-kappillani u l-arċiprieti tal-parroċċa tagħna, ħaqqhom ikunu minn ta' quddiem. Għalkemm l-għan tiegħi hu li nikteb dwar dawk li niftakarhom minn tfuliti u li issa m'għadhomx magħna, ma nistax inħalli barra xi kappillani u arċiprieti li isimhom isebbaħ l-istorja tal-parroċċa tagħna u li għandhom sehem kbir u sabiħ fit-tiswir tagħha. Forsi ftit li xejn ukoll nafu fuqhom.

Nibdew mela minn Dun Bernard Formosa, l-ewwel kappillan tal-parroċċa tax-Xagħra, li twaqqfet ma' erba' parroċċi ġodda f'Għawdex fit-28 ta' April 1688. Dun Bernard Formosa,

qassis mill-kleru ta' San Ġorġ, ir-Rabat, ħa l-pussess ta' kappillan fil-knisja ta' Sant Anton, l-eqdem mit-tliet knejjes li għad għandna x-Xagħra. L-ewwel erba' snin, din kienet il-parroċċa. Dun Bernard diġa kien midħla sewwa tal-post. Għal xi snin kien jaqdi l-insara f'dawk l-inħawi tal-Qaċċa. Wara ftit aktar minn sena nħatar kanonku tal-Kolleġġjata tar-Rabat u niżel mix-Xagħra. Saħħtu kienet bdiet tnin. Difatti miet ftit wara, fl-14 ta' Marzu 1700. Bħala kappillan u l-ewwel wieħed ukoll, jistħoqqlu nsemmuh b'wieħed li qdiena.

Taħt l-irdum ta'Għajn Lukin, ftit lilhemm mill-fdalijiet neolitiċi ta' Santa Verna, li forsi kienu xi Ġgantija oħra, naraw masġar taż-żebbuġ imdawwar b'ħajt ta' ħaġar skur li jixhed il-qedem tiegħu. Għalina dan hu ċ-'Ċimiterju tal-Pesta.' Ma tersaqx ruħ lejh. Ħadd ma jażżarda jittawwallu. Fit-2 ta' Novembru, il-Għid tal-Imwiet, il-qassis li jxarrab l-oqbra tal-mibkijin mejtin tagħna bl-ilma mbierek , jerfa' erba'qatriet biex mill-bogħod iwaddabhom lejn dak iċ-ċimiterju minsi minn kulħadd. Wara kważi mitejn sena minn meta l-marda qerrieda tal-pesta ħaqret u ħarbtet il-merħla żgħira tal-parroċċa tagħna, għadna nżommu 'il bogħod minn fejn hemm midfuna l-104 vittma tal-pesta. Għadu l-post li l-ħsieb biss tiegħu jqajmilna ġisimna xewk xewk.

Forsi ftit jafu li f'roqgħa art żgħira għad-dell ta'dak il-masġar minsi taż-żebbuġ, hemm il-fdalijiet ta' Dun Vinċenz Cauchi, mir- Rabat, il-ħames kappillan tal-parroċċa tagħna. Fil-ktieb interessanti tiegħu, 'The Xagħra Monumental Church' il-Kanonku Ġiljan Refalo Rapa jagħtina tagħrif siewi ħafna dwar il-55 sena li Dun Vinċenz Cauchi għadda bħala kappillan ħabrieki tax-Xagħra minn meta ħa l-pussess fl-1 ta' Novembru 1760 sa mewtu fil-għomor ta' 81 sena fis-27 ta'April 1814 maħsud mill-minġel tal-mewt tal-pesta mal-104 oħra minn misserijietna li baqgħu vittmi tagħha.

Fl-ewwel snin bħala kappillan, Dun Vinċenz Cauchi għamel li seta' biex isebbaħ ħafna mill-artali tal-knisja msejħa ' tal-Isqallin', b'pittura ta' Franċesco Żahra li għadha żżejjen xi artali fil-knisja tal-lum. Għammar ukoll il-knisja b'xogħlijiet ta' fided. Kif Napuljun li keċċa l-Kavalieri ta'San Ġwann u ħakem lil Malta, beda jneżża' l-knejjes mill-fided u jisraqhom, il-kappillan Dun Vinċenz intebaħ f'liema periklu kienu dawk il-fided li swewlu tant għaraq u sagrifiċċji biex

bihom għammar il-knisja. Tarraf dan il-biża' tiegħu lis-sakristan, Kasimiro Sultana, li lilu aħna tar-razza 'Ta' Kas' nafu n-nisel tagħna.

Kasimiro megħjun minn Ġakmu Gauci, sagristan sieħbu, bla telf ta' żmien ħbew kollox f'wieħed mill-oqbra li dak iż-żmien kienu jidfnu fihom fil-knisja. Fosthom kien hemm bust ta'Marija Bambina nkurunata. Kasimiro, miskin, dik il-lejla ma setax jagħlaq għajn m'għajn. Il-kuxjenza bdiet tniggżu... X'għamel b'idejh, mar difen l-istatwa tal-Bambina? Kif seta' jħalliha 'midfuna' f'dak il-qabar ? Reġa' bdielu. Qabeżmill-friex. Fetaħ il-qabar u tella' l-istatwa tal-Bambina minnu. Fil-fixla l-kuruna waqgħet minn rasha u baqgħet hemm. L-għada ġew is-suldati Franċiżi ta' Napuljun, tefgħu għajnejhom fuq dak il-bust ta' Marija Bambina tal-fidda u malajr Alla m'għamlu. Il-kuruna ħelsitha għax kienet baqgħet fil-qabar. Fil-festa tal-Vitorja din il-kuruna tkun għall-wirja ma' ħwejjeġ oħra prezzjużi fin-niċċa vojta tal-Bambina.

Għalkemm magħsur biż-żmien, il-kappillan Dun Vinċenz ma ntelaqx u ma rtirax bil-pensjoni. Fil-għomor ta' 80 sena daħal għal biċċa xogħol li kienet tgerrex lil wieħed anke tletin sena iżgħar minnu. Ħolom li jidħol għall-bini ta' knisja ikbar minn dik tal-Isqallin li kienet ċkienet għall-merħla tiegħu. Il-merħla żgħira tiegħu ta'xi elf u mitejn ruħ kienet lesta tidħol hi wkoll għal dik it-tagħbija. Għalkemm ma kinux jgħumu fil-flus, in-nies tal-parroċċa ma baqgħux lura. Għenu rwieħhom u ħabirku jgħinu fil-ġbir għall-knisja li dejjem kienet għal qalbhom. Nepputih, il-Kanonku Dun Salv Bondi, pittur u perit magħruf, malajr ħażżiżlu u rregalalu l-pjanta tal-knisja. Bdew jitħaffru l-pedamenti u tqiegħdet l-ewwel ġebla. Il-bini beda tiela'. Iżda f'inqas minn sena kollox waqaf ħesrem. Ġrajja traġika kienet fuq ix-xefaq. Fis-17 ta' Marzu 1814
ix-Xagħra kienet ir-raħal waħdieni f'Għawdex li ntlaqat mill-flaġell tal-pesta. Jingħad li xi jiem qabel, waqt li l-Kappillan Dun Vinċenz kien jitkellem ma' xi wħud dwar il-pesta li kienet tinfirex f'Malta, waqaf imħasseb. 'Il-pesta', qalilhom b'leħen imnikket, 'dal-ħin tielgħa x-Xagħra minn tal-Qaċċa.' Donnu qalbu ħebritu. Dak il-ħin ċertu Anġlu Galea ta' Ruġajl, ħaddiem mix-Xagħra kien ġej lura minn Ħal Qormi jara lil tad-dar. Kien jaħdem f'dar imniġġsa mill-pesta. Ġegħluh jaħraq ħafna ħwejjeġ biex il-marda ma tinxteridx. Fosthom kien hemm għonnella tal-ħarir. Skrupla jaħraqha jaħasra. Kienet għonnella tixraq tant lil bintu Rożarja! Kemm kienet se tiddandan biha fil-festa.U flok ħaraqha ra kif għamel u 'l dik l-għonnella ħbieha f'sorra ma' ħwejjeġ oħra. Meta qasam għal Għawdex għaddieha baxx baxx u ħadd ma seta' jintebaħ xkellu misturf'dik is-sorra. F'dik l-għonnella tal-ħarir daħħal f'raħalna u fi gżiritna l-bergħud tal-pesta. Ir-rigal li wassal lil bintu Rużarja, kesa b'faldrappa sewda tal-mewt l-inħawi ta' Sant Anton. Jumejn wara li wasal id-dar minn Malta, lil Anġlu ħariġlu tumur taħt abtu. Minkejja l-kura kollha mħabba ta' bintu, miet wara jumejn. Il-pesta kienet bdiet u ġiet biex toqgħod! Bdiet tinfirex mid-dar ta' Anġlu Galea, ta' Ruġajl. Baqgħet issaltan sas-27 ta' Novembru 1814. Għamlet straġi minn raħalna. Fost il-104 vittmi, kif diġa semmejna, kien hemm il-Kappillan innifsu, Dun Vinċenz Cauchi.

F'xifer l-irdum għadha wieqfa binja qadima li kienet isservi ta'sptar għal dawk li mittiefsa mill-marda tal-pesta kienu qegħdin joqorbu għal xifer il-qabar. Kien sptar tal-kwarantina, imdawwar ma' dawk l-inħawi kollha mill-armata Ingliża biex la ħadd joħroġ mix-Xagħra u lanqas jidħol. Illum mal-ħajt fid-daħla tas-sagristija tal-knisja ħdejn il-vari tad-Duluri u ta' Santa Rita, hemm il-lapida li ħu Dun Vinċenz u kuġinuh Dun Salv Bondi kienu għattew biha l-qabar tal-Kappillan Dun Vinċenz Cauchi fiċ-ċimiterju tal-pesta. Għal snin twal baqgħet hemm mingħajr ma tinqara. L-ewwelnett, l-ebda ruħ ma kienet tażżarda tirfes hemm ġew li ma tmurx, Allaħares qatt, titniġġes bil-pesta. It-tieni għax il-Latin li bih hi miktuba ħadd ħlief qassis ma kellu l-ħila jaqrah.

Inġiebet fil-knisja tal-parroċċa fejn għal ħafna snin oħra nżammet fil-bidu tal-garigor li jwassal għal fuq l-orgni u għal fuq il-bejt tagħha. Imma hawn ukoll ftit kienu jarawha. Minn xi snin 'l hawn tinsab ħdejn il-bieb tas-sagristija, post fejn kulħadd jista' jaraha. Wara li jissemmew il-kwalitajiet sbieħ li bihom mexxa l-parroċċa tax-Xagħra għal 55 sena, wieħed jaqra li wara l-waqfien tal-epidemija tal-pesta, il-Kappillan Vinċenz Cauchi miet b'qalbu maqsuma fis-27 ta' April 1814 fil-għomor ta' 81.Ma felaħx iktar jara t-tħarbit u l-miżerja tal-merħla żgħira tiegħu.

Xi storiċi jżommu li l-mewt tal-Kappillan Cauchi bil-pesta hi mistura taħt kliem ieħor biex tal-familja ma jinkeddux u lanqas isofru mill-għajb li din il-mewt kienet iġġorr magħha. Iżda l-pesta waqfet fl-14 ta' Novembru 1814, sitt xhur wara mewtu . Difnuh fiċ-ċimiterju mal-mejtin tal-pesta. Għaliex sar dan jekk il-Kappillan Dun Vinċenz ma kienx hu wkoll vittma tal-pesta? F'dak iċ-ċimiterju li ma rax ruħ ħajja fih kważi minn mitejn sena'l hawn , hemm midfun martri tal-imħabba, ir-ragħaj li offra ħajtu għall-merħla tiegħu meta kienet teħtieġu l-iktar, jaqdi spiritwalment lil uliedu avolja mhedded mill-minġel tal-mewt.

Dnub tlifna dik ir-roqgħa żgħira fejn kien midfun. Meta dik il-lapida inqalgħet wara snin li għattiet il-qabar tal-Kappillan Dun Vinċenz għad-dell tas-siġar taż-żebbuġ u nġiebet fil-knisja, diżgrazzjatament ma ħallew l-ebda għelm ta'mnejn qalgħuha. Issa mur sibu l-qabar tiegħu! Tassew li l-knisja tagħna, li beda hu, tista' tgħaddi bħala monument tiegħu. Iżda barra minn dan jistħoqqlu mafkar ikbar minn dik id-daqsxejn ta' lapida li għandna s'issa, miktuba bil-Latin. Daż-żmien ma nafx kemm baqa' min kapaċi jaqraha u jifhimha. It-tabib militari IngliżĠorġ McAdam, li miet bil-pesta wara li ttieħed minn dawk li kien idewwi, għandu trejqa dik in-naħa ta' Għajn Lukin li ġġib ismu . Ħaġa sewwa u xierqa. Unur għalina li bqajna nfakkru wieħed li għamel daqshekk għal ħutna f'waqtiet ta'ħtieġa kbira u li wasal biex issagrifika ħajtu għal dan il-għan, anke jekk kien minn art barranija.

Imma Dun Vinċenz Cauchi, il-ħames kappillan tal-parroċċa tagħna, ma kienx hu wkoll vittma tal-pesta ? Jewwilla ma kienx ħaqqu li ismu wkoll ikun imfakkar f'xi trejqa f'dawk l-inħawi taċ-ċimiterju? Ma jkunx jixraq l-aħħar nofs ta' triq il-Knisja li twassal minn fuq il-Għar saċ-ċimiterju tibda ġġib ismu? Tul 55 sena, għomor ta' bniedem, il-Kappillan Dun Vinċens Cauchi ddedika ruħu u ġismu, ħadem bla waqfien u ta kull nifs ta'ħajtu għall-merħla fdata lilu. Fl-aħħar wasal biex ta anke ħajtu, l-ikbar sinjal ta' mħabba, waqt li farraġ bis-sagramenti mqaddsa lil dawk li kienu waslu f'xifer il-qabar, vittmi qablu, tal-istess pesta li qerditu.

Waqt li x-Xagħra kienet tistejqer mill-burraxka tal-epidemija li kienet għadha kif għaddiet minnha u t-tined tas-suldati Ingliżi li għamluha mingħajr ma riedu kamp tal-konċentrament għebu għal kollox minn hemm, inħatar is-sitt Kappillan tagħha. Dan kien Dun Franġisk Gafa, mir-Rabat ukoll. Ħabrek biex ikompli l-bini tal-knisja li kienet ix-xewqa tal-parroċċa. Imma din kienet imfaqqra u mifluġa qatigħ wara dak il-flaġell. Dun Franġisk kontra qalbu żamm il-ftit xogħol tal-bini li kien beda. Il-flus li kellu miġbura għal dan il-għan beda jqassamhom lil dawk li kienu fil-bżonn bit-telfa ta' nieshom bil-pesta.

Miet wara disa' snin fil-għomor ta' 70 sena meta kien għadu jqassam il-karita. Kif ħabb hu lil kulħadd hekk ħabbu wkoll kulħadd. Ma setax imut ifqar milli miet. Kellhom ikeffnuh fi ħwejjeġ ta' wieħed fqir għax ma sabulu xejn biex jixtrulu l-ftit ħwejjeġ ta' qassis għad-difna

Dritt warajh laħaq is-seba' Kappillan, Dun Mikiel

Buttiġieġ bin il-Qala. Wara sar u għadu magħruf ma' Għawdex kollu. Konna xxurtjati li għadda 25 sena Kappillan tagħna, mill-1823 sal-1848. Issokta jgħin il-familji fil-ħtieġa. Qabad il-bini tal-knisja fejn ħalla l-Kappillan ta' qablu, Dun Vinċenz Gafa. Daħħal idu f'butu. Ħareġ 2,100 skud biex jitkompla l-bini tal-knisja. L-Isqof ta' Malta, Mons. D.P.M. Conti Sant, imħajjar mill-qalb kbira tal-kappillan, offra 4,731 skud ieħor. Kollox kien sejjer ħarir sakemm fl-14 ta' Awissu 1848 il-Kappillan Mikiel Buttiġieġ inħatar Arċipriet tal-Kolleġġjata tar-Rabat. Irnexxielu jara biċċa mill-knisja lesta qabel ħalla x-Xagħra. Ma ħalliniex għal kollox. Wara xi snin beda jżurna bħala l-Isqof tagħna, l-ewwel wieħed tad-djoċesi ġdida ta' Għawdex.

Kif nistgħu nagħlqu l-lista tal-Kappillani li qdewna fil-parroċċa tagħna jekk inħallu barra lil Dun Ġużepp Diacono? Dan kien it-tnax-il wild ta'Anġlu Diacono u Marija Cassar, mir-Rabat, is-sbatax-il kappillan u l-ewwel Arċipriet tax-Xagħra. Dun Ġużepp Diacono twieled l-għada ta' Santa Marija, fis-16 ta' Awwissu 1847. Kien minn tal-ewwel li daħal is-Seminarju ta' Għawdex meta fetħuh il-Patrijiet Ġiżwiti fl-4 ta' Novembru 1866. Ordnah qassis it-tieni Isqof ta' Għawdex, l-Isqof Anton Grech-Delicata. Kellu jieħu l-permess mis-Santa Sede għax kien għadu taħt l-erbgħa u għoxrin sena, l-eta meħtieġa skond il-liġi tal-knisja biex wieħed jordna qassis. Mill-bidu ħajtu saċerdotali bdiet tagħti frott sabiħ.

Hawn la hu l-post u lanqas m'għandi l-ħila nikteb kulma għamel dan l-iben ċelebri tad-djoċesi Għawdxija. Dan għamlu wisq aħjar milli stajt nagħmlu jien, l-istoriku Monsinjur Joseph Bezzina fis-sensiela dokumentata tiegħu ***Gaulitana,*** u ppubblikat ukoll mis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu, fl-1997, f'għeluq il-150 sena mit-twelid tal-Fundatur tagħhom Dun Ġużepp Diacono. Jisthoqqlu volum ikbar. Għallinqas għandna dan il-ktejjeb ta' 84 paġna li jgħarrafna ħafna fuqu u fuq ħajtu.


*Arċipriet Ġużeppi Diacono, l-ewwel Arċipriet tax-Xagħra*

Forsi biżżejjed insemmi li ma' Madre Margerita Debrincat li wara, hi wkoll kienet midħla tax-Xagħra għax għaddiet xi snin hawn fil-kunvent tagħhom fi Triq Jannar, Dun Ġużepp Diacono kien il-fundatur tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu. Meta diġa kien kappillan tagħna, fil-pjazza f'dar faċċata tad-Domus, fejn Kelinu Ċini llum għandu l-istazzjon tal-petrol, beda l-Casa Industriale, id-Dar tal-Industrija, fejn qajjem u kabbar l-interess għall-ħidma tal-bizzilla qabel mietet u għebet mal-erba' nisa xjuħ li kienu għadhom jaħdmuha. Wieħed jista'jara fiha n-nibbieta tal-Industrial Estate tax-Xewkija li twieled fuq seklu u nofs wara. Mijiet ta' tfajliet u ta'nisa anzjani reġgħu bdew iċekċku dawk iċ-ċombini fuq it-trajbu u joħorġu minn taħt il-mijiet ta' labar tar-ras ta' lwien jgħajtu u sbieħ, xogħol delikat ta' bizzilla tal-ħarir u tal-għażel li minnu kienu jaraw xi sold. Kienet barka kbira għalihom f'dak iż-żmien ta' għaks u ta'karistija. Għand is-Sorijiet Franġiskani fid-dar tal-Karita tagħhom fi Triq Palma wieħed isib mużew ta' xempji sbieħ tal-bizzilla ddisinjati minn Dun Ġużepp Diacono.

Il-Kappillan Diacono għamel ħafna iktar għall-parroċċa tagħna. Għal għaxar snin, mit-22 ta'Marzu 1881 sal-15 ta' Lulju 1891, kien Kappillan tal-Qala. Irriżenja għax kien maħtur kappillan tagħna. Ħa l-pussess fit-30 ta' Awwissu ta' wara. Tul it-tmintax-il sena li rieġa l-parroċċa tagħna, ix-Xagħra għamlet passi ta'ġgant. Il-kappillan Diacono kien jgħammar fejn 'toħlom il-Ġgantija!'

Fil-11 ta' Marzu 1893 ingħatalu t-titlu ta' Arċipriet. Il-knisja tagħna saret Arċipretali. Fis-17 ta' Marzu 1900 saret ukoll it-tielet Kolleġġjata f'Għawdex, wara dawk tal-Matriċi, tal-Għarb u tan-Nadur. Hekk ukoll issawwar l-ewwel Kapitlu tal-parroċċa. Dan it-tagħrif ġbartu mill-ktieb famuż the 'Xagħra Monumental Church', tal-Kanonku Ġiljan Refalo Rapa li nħossni
mdejjen ukoll lejh. Jalla dan il-ktieb ta' tagħrif kbir għalina lkoll narawh maqlub għall-Malti.

L-Arċipriet Diacono kien imfittex sewwa bħala perit. Tgħallem waħdu mill-kitba tal- arkitett u disinjatur Taljan Carlo Fontana. Missieru wkoll kien artist dilettant. Kemm hu tassew li ' il-fula bint il-miżwed u r-razza dejjem tiġbed!'

Il-knejjes parrokkjali tal-Qala u tal-Għasri, il-koppla tal-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz, il-knisja ta' Sant Antnin fl-Imġarr, il-kappella tas-Seminarju u dik il-ġawhra artistika tal-Casa Madre tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu u tal-knisja li tmiss magħha,li tilqgħek kif titla' minn Triq ir-Repubblika u tidħol Triq Palma, huma xi ftit mill-opri tiegħu li għadna naraw u ngawdu. F'Malta, f'Marsaxlokk ukoll ħalla opra sabiħa, il-knisja parrokkjali ddedikata lill-Madonna ta' Pompej.

U xi ngħidu għax-Xagħra? Meta sar kappillan il-knisja tagħna kienet għadha mingħajr koppla. Ta' mgħallem tal-arkitettura li kien ma damx ma ntebaħ x'kien jonqos fil-knisja. Malajr qatagħha. Tinbena koppla wara dawk iż-żewġ kampnari . Ma qagħadx itellgħa u jniżżel. Malajr ħareġ b'disinn sabiħ. Medd għonqu għax-xogħol. Kellha tkun l-ewwel koppla ta' knisja ta' dik l-għamla u ta' dak id-daqs f'Għawdex. Illum din għadha ġawhra li ssebbaħ kemm il-knisja tagħna kif ukoll il-pjazza spazjuża ta' quddiemha li tinkoronaha bħal dijadema u tidher glorjuża minn Għawdex kollu imperrċa kif inhi fuq il-witja tax-Xagħra. Jingħad li ħafna mill-ħitan tas-sejjieħ f'raħalna huma baxxi għax fi triqithom għall-knisja, in-nies kienu jħottu xi ġebla jew tnejn minnhom u jġorruhom lejn il-knisja biex il-bennejja jkunu moqdija sewwa għall-mastizz fil-bini tal-koppla. Kif kienu jagħmlu għall-ilma. Meta dan kien jonqos , ftit tokki tal-qanpiena kienu jxandruha mar-raħal kollu. Nisa u rġiel kienu malajr jaqbdu l-qolol u l-bramel u jimlewhom sa xfarhom minn xi bir jew minn xi għajn u jerħulha għall-knisja. In-nisa kienu jibbilanċjaw il-qolol fuq rashom, l-irġiel kienu jġorru l-bramel ma'ħabel marbut minn truf il-menza mwieżna fuq spallejhom. Il-bennejja ma kinux jitħallew joqogħdu b'idejhom fuq żaqqhom. Għalhekk f'sitt xhur biss telgħet dik il-koppla maestuża.

Meta miet, fit-22 ta' Lulju 1924, l-Arċipriet Diacono. Kif kien xieraq il-parroċċa tagħna għamlitlu funeral solenni u wara ndifen fil-qabar tal-kleru quddiem il-presbiterju taħt dik il-koppla maestuża li għaliha biss kellu jibqa' ċelebri fostna. Ħasra li dan intradam taħt
l-irħam tal-paviment li nkesa fuq tletin sena wara d-difna

tiegħu.

F'għeluq il-150 sena minn twelidu, fl-1997, is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu, poġġew din il-lapida żgħira fuq riħ il-qabar tiegħu:

*F'għeluq il-50 sena mill-mewt tal-fundatur tagħhom*
**L-ARĊIPRIET ĠUŻEPPI DIACONO**
*is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu*
*din it-tifkira fuq qabru jqiegħdu.*

Fil-katidral sabiħ ta' San Pawl fil-qalba ta' Londra, wieħed isib il-qabar ta' Sir Christopher Wren, il-perit li ddesinjah u li bnieh, b'din il-lapida b'erba' kelmiet:

*'Si monumentum requires, circumspice'.*

*(Jekk qed tfittex monument, ħares madwarek.)*

Xi ħaġa hekk ukoll imissha tkun lapida fuq il-qabar tal-Arċipriet Ġużeppi Diacono quddiem l-altar il-maġġur tal-knisja tagħna :

*'Jekk qed tfittex monument, ħares ' ilfuq.'*

Hemm, fuq rasek, ħarstek tissammar ma' dik il-koppla meraviljuża li l-Arċipriet Ġużeppi Deacono ddisinja u stinka biex bena. Min jista'jgħid jekk qattx basar li din kellha tkun kuruna mqiegħda fuq qabru b'sinjal dejjiemi tar-radd il-ħajr tagħna għall-imħabba li biha qdiena?

Il-knisja tan-Nażżarenu, fuq riħ Għajn Ħosna u r-Ramla l-Ħamra hi mafkar ieħor tal-Arċipriet Diacono fil-parroċċa tagħna. Ta' din ukoll kien hu li għamel il-pjanta bħalma għamel ta' għadd sabiħ ta'knejjes oħra, kif għedna qabel, f'inħawi oħra f'Għawdex. Ismu jibqa' wkoll jinqara minn kull min jgħaddi minn dik it-triq li għal snin twal konna nafuha bħala 'Triq wara l-Knisja' jew it-'Triq ta' Taħt'. Illum din iktar twessgħet u iktar sbieħet b'bini ġdid u tixraqlu iktar minn meta kienet triq imwarrba u mfittxa l-iktar min-namrati. Illum din hi 'Triq l-Arċipriet Ġużepp Diacono.'

**KAPPILLANI u ARĊIPRIETI li reġew il-merħla ta'Alla**
**fil-Parroċċa tax-Xagħra**
**mill-bidu tagħha fl-1668 sallum,**
**bidu tat-tielet millenju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kappillan | Dun Bernard Formosa | Rabat | 1689 - 1699 |
| Kappillan | Dun Mark Anton Grima | Rabat | 1700 - 1715 |
| Kappillan | Dun Ġwann Xmun Paċe | Vittoriosa | 1715 - 1726 |
| Kappillan | Dun Mattija Spiteri | ĦażZebbuġ | 1726 - 1760 |
| Kappillan | Dun Vinċens Cauchi | Rabat | 1760 - 1814 |
| Kappillan | Dun Franġisk Gafa | Rabat | 1815 - 1823 |
| Kappillan | Dun Mikiel Buttigieg | Qala | 1823 - 1848 |
| Kappillan | Dun Franġisk Buttigieg | Nadur | 1848 - 1865 |
| Kappillan | Dun Ġwann Camilleri | Nadur | 1865 - 1881 |
| Kappillan | Dun Ġwann Batt. Grech | Rabat | 1881 - 1891 |
| Arċipriet | Dun Ġużepp Diacono | Victoria | 1891 - 1909 |
| Arċipriet | Dun Mawrizju Cauchi | Victoria | 1909 - 1951 |
| Arċipriet | Dun Mikiel Anġ Cauchi | Victoria | 1951 - 1973 |
| Arċipriet | Dun Ewkaristiku Sultana | Xagħra | 1973 - |

(Silta mill-artiklu 'Dawn Qdewna' għall-publikazzjoni fuq *ix-Xagħra* tal-Milied 2002)

Niġu għal dawk il-ħafna, biżibilju jkolli ngħid, li qdewna. Imħajjar nibda b'dawk li għassu fuqna u għenuna ngħixu fis-sliem. Ħafna minna jafu kif żmien ilu l-furbani daħlu fi gżiritna u lil kull min kien f'saħħtu kaxkruh ilsir fil-Barbarija. Min jaf jekk il-ħafna 'Slaten' li għandna fix-Xagħra tagħna ġabux dan il-kunjom magħhom misserijiethom meta ġew lura minn dak it-turrufnament, dawk li rnexxielhom jiġu lura, u żammewh fil-familja sa llum ? Kulmin iġib il-kunjom ta' Sultana, f'Għawdex u f'Malta u f'kull rokna oħra tad-dinja, għandu jsib l-għeruq tiegħu fix-Xagħra. Missieru, nannuh jew bużnannuh żgur li tnisslu hawn !

Minn meta kont żgħir, niftakarni b'ġibda lejn il-pulizija ta' raħalna. Kienu jiġu kultant xi wħud minn irħula oħra ta' Għawdex. Imma l-iktar li niftakar kienu tlieta, ilkoll wild ix-Xagħra , donnhom kienu x-xewka ta' dahar il-għassa ta' raħalna. Dawn kienu is-Surġent Ġużeppi Galea, ta' Fonzu, li jidhirli kien spiċċa bħala Maġġur wara l-gwerra u żewġ kontistabbli l-id il-leminija u x-xellugija tiegħu, Franġisk Azzopardi, taż-Żangu u Indri Buttiġieġ tal-Angrill. Fil-bidu tal-gwerra dawn it-tlieta kienu jagħmlu l-armata waħdenija tagħna. Kienu l-wens tagħna kemm fil-paċi u kemm fil-gwerra. Is-surġent, Ġużepp Galea, ta' Fonzu kien bniedem serju dejjem medhi fil-qadi ta' dmiru. Bniedem li kull pulzier ta' tulu kien magħġun għal pulizija.

Il-kuntistabbli Frangisk Azzopardi taż-Żangu, maħluq u mfassal bħal sieħbu għal pulizija. kien hu wkoll bniedem serju u tal-affari tiegħu. Bilkemm kien isemma leħnu. Kien iqajjimlek rispett meta tersaq lejh biex tkellmu.

It-tielet wieħed kien Indri Buttiġieġ, tal-Angrill. Dan kien bniedem buffu u ċajtier , dejjem jiżżufjetta donnu iktar maqtugħ biex irattab ftit dik l-ebusija ta' pulizija, milli biex jaqbad lil min jażżarda jikser il-liġi. Meta kellu jnaffar xi tfal minn x'imkien, kien jagħmel ta' birruħu se jiġri warajhom biex jaqbadhom waqt li kien iżarżar tisfira li kienet tinġazzalna demmna bil-biża'.

Dik il-lejla tal-10 ta' Ġunju 1940, meta Benito Mussolini d-Duċe tal-Italja, iddikjara gwerra kontra tagħna, l-isquadra tagħna ta' tliet pulizija xeddet l-elmu tal-azzar, li sa dakinhar f'ras is-suldati biss konna narawh. F'qaddhom ħażżmu ċinturin wiesa'. Mill-but tal-ġilda fuq il-lemin tiegħu kien jittawwal rivolver żgħir, iswed. Konna smajna dwaru b'widnejna imma qatt ma konna rajnieh b'għajnejna. Issa dan ħa post il-lenbuba. Sal-maskra tal-gass kellhom ippakkjata f'borża tal-kanvas imdendla wara daharhom. Kienu armati kif qatt ma konna rajniehom. Kienu l-wens waħdieni li kellna kontra għadu li ħabta u sabta sibna ruħna wiċċ imbwiċċ miegħu. Għalkemm imħassbin u beżgħanin, dak il-lejl għaddejnieh nonħru f'raqda fil-fond. Imniex nibżgħu b'dawk it-tliet pulizija armati sa snienhom? U għadni sa llum nemmen li dak inhar is-surġent Galea, il-kuntistabbli Franġisk Azzopardi u Indri Buttiġieġ għamlulna kuraġġ ta' sur.

L-għada beda l-ħbit mill-ajru. Il-pulizija kienu jagħtu s-sinjal ta' l-errejd. Kienu jagħmluh billi jisparaw tliet maskli. Dawn konna mdorrijin nisimgħu ħosshom fil-festi. Issa l-pulizija bdew isemmgħuhomlna għal festa oħra , biex jagħrrfuna li kellna żjara ta' ħerba u tal-mewt mill-għadu jittajjar fuq rasna. Għadek tara xi wieħed minn dawn il-maskli għand xi ħadd li għandu n-namra sabiħa jgeddes xi ħaġa tal-imgħoddi. Tarahom wisq eħfef f'xi mużew. Kienu ftit ikbar minn bott tal-ħalib. Imma flok mill-landa kienu magħmulin minn bronżiebes u oħxon. F'nofshom kellhom toqba tonda wiesgħa daqs pulzier .F'din kienu jistivaw il-polvri u jibbattmawha biż-żrar u t-torb a. Minn toqba żgħira qrib il-qiegħ kienu jdaħħlu miċċa li kienu jkebbsu minn ġamra ta' sigarett. Taqbad u qajla qajla kienet twassal in-nar sal-polvri. Dan kien jisplodi b'damdima qawwija tinstema' minn kull rokna mbiegħda tax-Xagħra. Imbagħad kienu jxiddu l-

elmu tal-azzar u b'suffara bejn xuftejhom jibdew ir-ronda u jżarżru tisfira meta jaraw lil xi ħadd fil-beraħ tat-triq. Waqt errejd kulħadd kellu jibqa' fil-moħba ta' daru jew jistkenn xi mkien ieħor bħal f'xi xelter, fejn kont issib xi wieħed. Dawn kienu mina twila b'daħla kull naħa tagħha mħaffra daqs ħmistax il-pied taħt l-art ħafna drabi fi blat żonqri li fuqu hu mibni raħalna, li l-ebda bomba ma kienet tinfed. Imbagħad wara li l-ajruplani tal-għadu jkunu tawna denbhom u parpru lejn Sqallija, il-pulizija kienu jgħarrfu lill-wieħed miż-żewġ sakristani, lil Leone ta' Kas jew lil Peppi ta' Hawlija biex idoqqu ftit tokki bil-qanpiena l-kbira, sinjal li l-ħbit mill-ajru għadda. U għal ftit taż-żmien il-qanpiena l-kbira ma baqgħetx tafkkarna ngħidu l-Angelus fit-tmienja, f'nofsinhar jew fi nżul ix-xemx fl-Ave Maria.

Għażilt lil dawn biex ikunu minn tal-ewwel fost dawk li qdewna. Jien hekk inħossha li l-pulizija għandna nżommuhom bħala ħbieb, fost dawk li qegħdin għall-ġid tagħna. Jekk xi darba, forsi kontra qalbhom, ikollhom joqorsuna, iktar iva milli le, il-ħtija tkun kollha kemm hi tagħna għax inkunu ksirna xi liġi.

Warajhom, jekk Alla jrid, infakkru ħafna oħra li b'mod jew ieħor kienu ta' għajnuna kbira għalina lkoll. Jalla jirnexxilna napprezzaw u ngħożżu dak li għamlu għalina u nżommu lil qalbna mfawra ħajr għalihom issa li tifkirithom biss għadha ħajja.

Il-Bozz l-iskarpan ġar tagħna. Dawk il-pettijiet tal-qrieq magħulin mit-tajar tar-roti tal-karozzi.
Kien jaqdina sewwa u mhux lilna biss... xi bċejjeċ żgħar li kien jifdal kien jagħmilhom krikk mar'roti tal-karettun tal-ħmir, tal-bgħula u taż-żwiemel.


**For the best in**
**Meat & Grocery Products**

# NATU MERCIECA

*Butcher & Grocery*

***34/35 Victory Square, Xagħra, Gozo. Tel: 21 558132***



GBS
**GOZO BUSINESS SYSTEMS LTD.**
'THE MALL'
GEORGE BORG OLIVIER STREET
VICTORIA
TEL 565 565 FAX 565 564




Best quality computers
**BUILT IN GERMANY**



Terra Computersysteme

MAGIC® Displays




COMPUTER FURNITURE
OFFICE EQUIPMENT

BEST AFTER SALES SERVICE




**INTERNET CAFE**